**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 21 ta' Novembru 2023**

**Rikors Numru : 70/2021/3 JPG**

**CC**

**Vs**

**CJ**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' CC datat 26 ta' Lulju 2022 *a fol 2* fejn wara li gie dikjarat dak premess talab :

> *Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ikun jista jmur jghix b'mod esklussiv fid-dar Apt 5, 24 Ariana Court, Triq l-Imgiebah Xemxija Height, Xemxija Hill San Pawl il-Bahar, li fil-prezent tinsab vojta u dan skond kull ordni li din l-Onorabbli Qorti thoss opportun.*

Rat illi r-rikors, u d-digriet gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata JC *a fol 9 et seq* fejn talbet illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-avukat difensur tal-attur;

Rat it-talba tal-attrici sabiex tippresenta in-nota ta' sottomissonijiet ghal-liema talba, il-Qorti akkordat terminu ta' gimghtejn;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tardiva tal-attrici;

Rat it-talba ghal-isfilz ta tan-nota tas-sottomissjonijiet tardiva tal-attrici u in-nota responsiva tal-attrici flimkien mad-digriet ta' din il-Qorti datat 21 ta' Novembru 2023 li bih cahdet it-talba;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur CC** xehed nhar l-24 ta' Jannar 2023 u spjega illi d-dar matrimonjali inghatat lilu b'titolu ta' donazzjoni. Illi apparti din il-propjeta ghandu ukoll four (4)-car-garage il-Qawra li ukoll inghata b'donazzjoni minghand il-genituri tieghu. Illi d-dar matrimonjali ilha sena u xahar vojta u dana peress li kien inqatgha l-dawl wara li kien hemm kontijiet li kienu ghadhom pendenti. Jixhed illi l-intimata qieghda tghix fi flat ma' binhom. Jishaq illi hu ma kienx hallas dawn il-kontijiet peress li hu kien diga ivvaka mid-dar matrimonjali. Filfatt kien ghamel zmien jghix fil-garaxx minhabba l-glied kontinwu li kien qieghed ikun hemm ma' martu, u ghalhekk ma dehrlux li kellu jkun hu li jhallas dawn il-kontijiet. Jispjega illi d-dar matrimonjali fiha hafna hsarat ghaliex hu gieli jmur u jitawwal biex jara dahalx ilma.

In **kontro-ezami** l-attur jikkonferma illi fl-atti tal-medjazzjoni kienet diga saret talba sabiex huwa jkun jista jirrisjedi fid-dar matrimonjali u dan ad esklusjoni tal-intimata, liema talba ma kienitx intlaqghet minn din il-Qorti diversament preseduta.

**Ri-prodott nhar l-24 ta' Mejju 2023** spjega illi huwa ormai ilu madwar sitt (6) snin li telaq mid-dar matrimonjali pero' ma jiftakarx ezatt. Meta gie indikat illi huwa ilu erba' snin li telaq mid-dar matrimonjali, huwa jishaq illi jista jkun li ilu erba' (4) snin u mhux sitta (6). Meta cemplulu mill-ARMS, huwa ma kien informa lil hadd, inkluz lill-intimata, u kien qalilhom li hu ma kienx ser ihallas il-pagamenti dovuti gialadarba huwa ma kienx qieghed joqghod hemm. Spjega illi minn paga ta' EUR 800, huwa qieghed jghaddi EUR 300 bhala manteniment ghall-minuri binhom. Jikkonferma illi l-ARMS kienu ikkonfermawlu li kien hemm pagamenti dovuti qabel cemplulu biex jinfurmawh illi ser jaqtghu d-dawl. L-intimata kienet taf bil-kontijiet ghaliex il-kontijiet kienu qieghdin jaslu d-dar.

Illi sussegwementement kien sar *repayment plan* mal-ARMs, fejn kien qieghed ihallas 270 fix-

xahar. Kienu ghenuh il-genituri tieghu sabiex ikun jista jaghmel dawn il-pagamenti. Jikkonferma illi ghalkemm ghamel zmien jghix f'garaxx, issa qieghed jirrisjedi f'appartament flimkien mal-*partner* tieghu, li maghha ghandu tarbija. L-attur jikkonferma ukoll illi d-dar matrimonjali ghadha bla dawl ghaliex sissa ghadu ma regghax gie konness peress li hemm spiza ta' EUR 500 li trid tithallas qabel dan jerga jigi konness. Mistoqsi jikkonferma xi hlasijiet qed jaghmel versu l-kera tal-appartament fejn qieghed jirrisjedi flimkien mal-familja l-gdida tieghu, l-attur jishaq illi filwaqt li fil-bidu kien jikkontribwixxi fil-hlas tal-kera, issa ma jistax jibqa' johrog sehemu u ghalhekk qieghda thallas kollox il-*partner* tieghu tant li l-kera inqalbet fuq isimha biss. Jikkonferma pero illi qabel huwa kien ihallas EUR 250 mill-kera dovuta.

**L-intimata JC**[1] spjegat illi d-dar matrimonjali kienet giet akkwistata mill-genituri tal-attur u inghatat lill-attur bhala donazzjoni fiz-zwieg. Tixhed illi huma dam jghixu f'dana il-fond seba' (7) snin u hi telqet mid-dar matrimonjali f'Novembru tas-sena 2021 il-ghaliex kien impossibbli ghaliha li tibqa tghix f'residenza minghajr provvista ta' dawl u ilma. Tikkonferma illi fil-prezent hija qieghda tghix ma' ommha fi *studio appartment*, u hija taqsam kamra tas-sodda mal-minuri, b'dana illi l-minuri jorqod fis-sodda u hi torqod mal-art. Tishaq illi hija telqet mid-dar matrimonjali minhabba l-kontijiet tad-dawl u ilma pendenti li kien u ghad hemm. Spjegat illi sakemm kienu qieghdin jghixu hemmhekk, huma ma kienux qieghdin jircievu kontijiet, izda peress li l-kont kien fuq l-attur, kienu qalulha li l-attur jista jitlob li jaghmel verifiki, izda l-attur kien naqas milli jitlob tali informazzjoni u ghalhekk baqghu jakkumulaw. Illi eventwalment qatghulhom id-dawl u ghalhekk kienet kostretta titlaq mid-dar ghaliex ma setghatx tghix f'tali kundizzjonijiet anke peress li l-minuri ibghati b'kundizzjoni tal-qalb u filfatt kienet irceviet il-kontijiet tad-dawl pendenti minghand l-avukat difensur ta'zewgha. Tixhed illi hi mhix f'pozizzjoni li thallas il-bilanc rimanenti ghaliex hija tippercepixxi EUR 700 fix-xahar u minnhom trid tkopri l-ispejjes tal-minuri u taghha stante li l-intimat ma jaqsamx l-ispejjes tal-minuri maghha.

Tikkonferma illi dan il-kont ilu jakkumulaw minn qabel ma huma zzewwgu. Izzid illi ghalkemm hija pruvat li jintlahaq ftehim, hija ma tistax tkopri dawna l-ispejjes mill-paga taghha.

**Ikkonsidrat:**

L-Artikolu 46 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

[1] Xehdet in subizzjoni nhar l-24 ta' Mejju 2023.

> "***Fiż-żmien li tkun miexja l-kawża tal-firda, kull waħda mill-partijiet, sew jekk attriċi jew konvenuta, tista' titlaq mid-dar taż-żwieġ u tista', sew jekk tkun telqet mid-dar taż-żwieġ u sew jekk le, titlob lill-qorti biex tiddeċiedi liema waħda mill-partijiet għandha toqgħod fid-dar taż-żwieġ sakemm tkun miexja dik il-kawża.***"

Dwar dan l-artikolu, u fir-rigward ta' ordni moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta sabiex l-intimat jigi allontanat mid-dar minhabba episodji ta' vjolenza domestika, gie spjegat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Mejju 2010 fl-ismijiet **Julia Coleiro vs Carmel sive Charles Coleiro** illi:-

> "***L-ordni ta' allontanament mid-dar matrimonjali li tat l-ewwel Qorti, huwa ordni provizorju, li jkollu effett biss sakemm ma jigix revokat, anke mill-istess qorti li emanatu, u kwindi jista' jinghata in camera. L-Artikolu 46 tal-Kodici Civili jghid li, matul iz-zmien li tkun miexja kawza ta' firda, il-qorti kompetenti tista' taghti ordni dwar min mill-partijiet ghandha toqghod fid-dar taz-zwieg sakemm tkun miexja dik il-kawza. Din l-ordni mhux sentenza definittiva, izda mezz biex tigi protetta l-inkolumita` ta' xi parti pendenti l-kawza, jew biex jigu mharsa linteressi ta' xi parti.***
>
> **[…]**
>
> ***L-Artikolu 46 tal-Kodici Civili jaghti poter lill-Qorti tiddeciedi min mill-partijiet, fil-pendenza tal-kawza ta' separazzjoni, ghandu jibqa' joqghod fid-"dar tazzwieg". Il-ligi ma tqisx bhala rilevanti jekk id-dar hijiex parafernali ta' xi hadd mill-partijiet jew tal-komunjoni tal-akkwisti, u taghti fakolta` lill-Qorti tordna l-hrug ta' xi parti mid-dar, hi ta min hi, basta li d-dar tkun r-residenza tal-koppja, jigifieri, tkun id-dar matrimonjali. Jekk id-dar tappartjeni lill-konvenut, din tibqa' tieghu, izda l-Qorti tista' tordna li din tibqa' a disposizzjoni ta' parti wahda, jekk hekk jidhrilha li jkun gustifikat. Kwindi, l-fatt li d-dar taz-zwieg hija parafernali ta' parti, ma jimmilitax kontra l-applikazzjoni tal-Artikolu 46 tal-Kodici Civili.***"

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghad-digriet moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta

fil-kawza fl-ismijiet **S A F vs V B F** fis-17 ta' Novembru 2015, fejn intqal illi:-

> ***"L-ebda cirkostanza li twassal ghall-izgumbrament mid-dar matrimonjali pendente lite ma hi kontemplata f'dan l-artikolu. Huwa evidenti pero' li l-applikazzjoni tal-Artikolu 46 m'ghandiex tkun minghajr l-ebda fundament. Id-diskrezzjoni pjuttost wiesgha moghtija lill-Qorti f'dawn iccirkostanzi ghandha dejjem tigi applikata fid-dawl ta' cirkostanzi li jwasslu lillQorti tikkonkludi illi matul il-kawza il-partijiet m'ghandhomx jithallew jghixu taht l-istess saqaf, irrispettivament minn min hu proprjetarju tad-dar matrimonjali, u irrispettivament minn dak li finalment tiddeciedi l-Qorti fis-sentenza finali taghha."***

Il-Qorti taghraf illi stante li tali decizjoni hija wahda *pendente lite,* f'dawn il-kazijiet il-Qorti m'ghandiex tidhol *funditus* fil-mertu tal-kaz, izda ghandha taghmel determinazzjoni *prima facie* rigward jekk hemmx ragunijiet validi sabiex xi hadd mill-partijiet jigi ordnat li jallontana ruhhu jew ruhha mid-dar matrimonjali.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti tosserva illi l-attur kien intavola l-istess talba fl-atti tal-medjazzjoni, bin-numru 1131/2019 fl-ismijiet *JC vs CC* liema talba kienet giet michuda minn din il-Qorti kif diversament preseduta. Illi c-cirkostanzi odjerni huma kemmxejn partikolari, u dana stante li fil-prezent id-dar matrimonjali hija vojta ghaliex hija spprovista mid-dawl u dana konsegwenza ta' hlasijiet ta' kontijiet tad-dawl li ma kienux qieghdin jigu mhalsa mill-partijiet. Illi minkejja li din il-Qorti rat illi l-attur qieghed jaghmel hlasijiet mensili sabiex jigu mhalsa l-bilanci rimanenti, hemm spiza ta' hames mitt ewro (EUR 500) sabiex terga' tigi ri-installata l-provvista tad-dawl.

Din il-Qorti rat illi d-dar matrimonjali hija propjeta moghtija b'donazzjoni lill-attur mill-genituri tieghu. Illi l-intimata flimkien ma' iben il-partijiet qieghdin jirrisjedu ma' omm l-intimata, filwaqt li l-attur qieghed jirrisjedi f'appartament mikri mal-partner tieghu. Dan l-istat ta' fatt jirrisali ghal diversi snin. Illi din il-Qorti rat illi minkejja li entrambi l-partijiet jahdmu, albeit li l-introjtu tal-intimat huwa wiehed minimu u ghalhekk tali spiza hija wahda konsidervoli ghalihom.

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, illi in-nuqqas ta' hlas tal-kontijiet ta' dawl u ilma da parti tal-attur, kienet biss manuvra sabiex id-Derigenti tal-ARMS jkunu kostretti jaqtghu il-

provvista tad-dawl u ilma u konsegwentment l-intimata b'iben il-partijiet, li jbaghti b'kondizzjonijiet tal-qalb, jkunu kostretti jevakwaw id-dar matrimonjali li hija sprovvista mid-dawl u ilma. Dan huwa agir mill-aktar deplorabbli. Di piu', il-Qorti tqis inverosimili ghal-ahhar illi l-attur li jahdem ma missieru bhala kuntrattur tat-toroq jippercepxxi €800 fix-xahar. Huwa daqstant verosimili illi l-attur qieghed jghix fl-appartament mal-partner tieghu fejn allegatament l-kera ta' dan l-appartament tithallas mill-partner, meta din il-partner b'tarbija zghira filfatt ilha aktar minn sena minghajr impjieg. Il-Qorti ma hijiex ser thalli dawn it-tip ta' manuvri jkunu l-bazi ta' ordni ta' zgumbrament tal-intimata b'tifel li ghandu kondizzjoni tal-qalb.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tichad t-talba tar-rikorrenti.**

**Spejjez riservati ghall-gudizzji finali.**

**Moghti kamerlament.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**